Il-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
**Magistrat Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**

**Illum, it-8 ta' Mejju 2023**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jonathan Ransley)**

**Versus**

**Ivan Mizzi**
**(235281M)**

**Il–Qorti,**

Rat l-imputazzjoni kontra **Ivan Mizzi** ta' 41 sena, iben Michael u Lilian nee Azzopardi, imwieled Pieta' nhar is-26 ta' April 1981, detentur tal-Karta tal-Identita' Nru 235281M, u residenti 64, Nakita, Triq Guze Ellul Mercer, Imsida.

Akkuzat talli nhar it-3 ta' Marzu 2022 ghal-habta tal-5.30 ta' wara nofsinhar gewwa Swatar, Msida u/jew f'dawn il-gzejjer:

1. Minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' Jean Paul Caruana f'periklu car, ikkaguna feriti ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Jean Paul Caruana; *Artikoli 218 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.*

Il-Qorti hija mitluba sabiex tipprovdi ghas-sigurta' ta' Jean Paul Caruana billi jigu applikati l-provedimenti tal-artikolu 412C tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti hija mitluba ukoll li f'kaz ta' htija jigu applikati l-provedimenti tal-artikoli 382A u 383 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti kollha pprezentati fl-atti processwali.

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni ghall-imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu fis-seduta tas-17 t'April 2023.

Semghet it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat, debitament assistit mill-konsulent legali tieghu tenna li huwa hati tal-imputazzjoni miġjuba kontra tieghu.

Illi din il-` osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-Artikolu 392A(1) ta' l-istess Kapitolu, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati ghall-akkuza migjuba fil-konfront tieghu, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba, u nghata zmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha.

Illi l-imputat rega' tenna ammissjoni ghall-imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu, u ghaldaqstant fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata tieghu, l-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lil imputat hati ta' l-akkuza migjuba fil-konfront tieghu kif minnu ammess.

**Ikkunsidrat ulterjorment**

L-ammissjoni bikrija ta' l-imputat, kif ukoll id-dikjarazzjoni tal-*parte civile* fejn irrinunzja ghal dak kollu rinunzjabbli.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat Artikolu 7, 31, 215, u 216(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed issib lil imputat hati ta' l-akkuza migjuba kontrih, izda bl-applikazzjoni tal-**Artikolu 22 tal-Kapitolu 446** tal-Ligijiet ta' Malta qeghda tilliberah bil-kundizzjoni li ma' jwettaqx reat iehor fi zmien **tlett snin (3)** millum.

Illi ai termini ta' l-**Artikolu 22(3) tal-Kapitolu 446** tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti wissiet lil imputat bil-konsegwenzi, jekk huwa jikkommetti reat iehor waqt il-perjodu tal-liberta' kundizzjonata.

Ai termini tal-Artikolu 392A(2) tal-Kodiċi Kriminali, il-Qorti tordna li fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol, l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja skenjata tal-atti, flimkien m'aċċess għal kopja skenjata tas-sentenza.

**Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**
**Magistrat**